# Informazzjoni dwar Immigrazzjoni u Viżi għal Vittmi ta' Vjolenza Sesswali u Interpersonali

Studenti u studjużi internazzjonali li għandhom mistoqsijiet dwar l-istatus tal-immigrazzjoni u l-viża tagħhom għandhom ifittxu l-għajnuna ta' avukat tal-immigrazzjoni. Dan id-dokument huwa riżorsa sabiex jispjega ċerti aspetti tal-liġi, iżda mhux sostituzzjoni ta' parir legali.

**Jien kont vittma ta' attakk, l-istatus tal-immigrazzjoni tiegħi jaffettwa l-kapaċità tiegħi li naċċessa r-riżorsi fuq il-kampus?**

Le. Skont il-liġi, studenti u persunal li huma vittmi jew superstiti ta' vjolenza sesswali u interpersonali jingħataw l-istess drittijiet skont it-Titolu IX tal-Emendi tal-Edukazzjoni tal-1972 (*1972 Education Amendments*) (Titolu IX) u l-Att dwar il-Vjolenza Kontra n-Nisa (*Violence Against Women Act* - VAWA), irrispettivament mill-istatus tal-immigrazzjoni u l-viża.

Informazzjoni dwar riżorsi mediċi u ta' konsulenza fuq il-kampus, kif ukoll l-akkomodazzjoni disponibbli, tista' tinstab fuq: https://www.tntech.edu/healthservices/

Informazzjoni dwar il-proċess tal-kondotta tal-istudent tista' tinstab fuq: https://www.tntech.edu/policies/

Il-Kulleġġ mhux ser jirritalja kontrik jew jittrattak b'mod differenti fuq il-bażi li tkun irrappurtajt reat.

**Nista' nressaq akkużi kriminali bħala immigrant b'dokumenti jew mingħajr dokumenti?**

Iva. Informazzjoni dwar id-definizzjonijiet kriminali ta' attakk sesswali, vjolenza domestika, vjolenza waqt namrar u insegwiment persistenti (*stalking*) tal-istat tiegħek tista' tinstab fir-Rapport Annwali dwar is-Sigurtà: https://www.tntech.edu/police/annual-security-report

Mistoqsijiet speċifiċi dwar kif jitressqu akkużi jistgħu jiġu indirizzati lil:


Zeva Edmondson, Title IX Office
1 William L. Jones Dr., Derryberry Hall 256, Cookeville, TN 38505
931-372-3112
https://www.tntech.edu/titleIX
zedmondson@tntech.edu


**Hemm viża u status tal-immigrazzjoni speċifiku għal vittmi ta' reati?**

Iva. Għal vittmi ta' attakk sesswali, vjolenza domestika, vjolenza waqt namrar u insegwiment persistenti, jista' jkun hemm opzjonijiet oħra tal-viża, inkluż Viżi U u T. Għal dettalji speċifiċi, kellem lill-avukat tal-immigrazzjoni.

| **Viża U** | **Viża T** |
|---|---|
| Għal vittmi ta' abbuż fiżiku jew mentali sostanzjali bħala riżultat ta' ċerta attività kriminali, inkluż abbuż sesswali, vjolenza domestika, stupru, attakk, jew reati relatati oħrajn<br>- Il-vittma/applikant irid ikun vittma ta' attività kriminali kwalifikanti u probabbli li jkun utli għall-investigazzjoni u/jew il-prosekuzzjoni ta' dik l-attività kriminali<br>- Ġeneralment valida għal erba' snin - Għal aktar informazzjoni, ħu parir mill-avukat tal-immigrazzjoni, u ara:<br><br>http://www.uscis.gov/humanitarian/victims-human-trafficking-other-crimes/victims-criminal-activity-u-nonimmigrant-status/victims-criminal-activity-u-nonimmigrant-status | Għal vittmi ta' traffikar tal-bnedmin<br>- Iridu jkunu konformi ma' talbiet raġonevoli mill-infurzar tal-liġi għal kooperazzjoni fl-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' att(i) ta' traffikar (sakemm ma jistgħux jikkooperaw minħabba trawma fiżika jew psikoloġika), u jridu jkunu jistgħu juru li l-vittma/applikant ser isofri tbatija estrema jekk jitneħħa mill-Istati Uniti<br>- Ġeneralment valida għal erba' snin<br>- Għal aktar informazzjoni, ħu parir mill-avukat tal-immigrazzjoni, u ara:<br><br>http://www.uscis.gov/humanitarian/victims-human-trafficking-other-crimes/victims-human-trafficking-t-nonimmigrant-status |

**Hemm uffiċċju fuq il-kampus li jista' jagħtini informazzjoni addizzjonali?**

L-Uffiċċju tas-Servizzi għall-Istudenti u l-Istudjużi Internazzjonali (*International Student and Scholar Services Office*) jista' jagħti informazzjoni utli dwar l-istatus tal-immigrazzjoni. Innota li għal mistoqsijiet dwar bidliet fl-istatus ta' viżi oħrajn, jew opzjonijiet legali li mhumiex fl-ambitu tal-viżi standard tal-istudenti F-1 u J-1, jew viżi tax-xogħol sponsorjati mill-impjegatur, ħu parir minn avukat tal-immigrazzjoni kkwalifikat.

| **Opzjonijiet tal-Viża** | |
|---|---|
| Studenti bl-istatus F-1 u J-1<br>• Opzjonijiet għal approvazzjoni ta' tnaqqis fil-ħidma tal-kors minħabba kundizzjonijiet mediċi ċċertifikati minn tabib mediku liċenzjat, tabib tal-osteopatija, jew psikologu kliniku liċenzjat<br>• Opzjonijiet għal, u konsegwenzi għal, irtirar mill-programm akkademiku tiegħek<br>• Informazzjoni dwar kif tmur lura għall-programm akkademiku aktar tard, jekk l-istudent jagħżel li jirtira<br>• Opzjonijiet u konsegwenzi għal konjuġi li jakkumpanjaw<br>• Informazzjoni ġenerali dwar l-opzjonijiet sabiex jinbidel l-istatus tal-viża.<br>• Informazzjoni ġenerali Viżi U u T. (Riferiment għand avukat tal-immigrazzjoni kkwalifikat)<br>• Riferiment għand avukat kkwalifikat | Impjegati H-1B, O-1, E-3, jew TN<br>• Opzjonijiet għal liv mix-xogħol ta' assenza, u konsegwenzi għall-istatus tal-immigrazzjoni tiegħek<br>• Opzjonijiet u konsegwenzi għal konjuġi li jakkumpanjaw<br>• Informazzjoni ġenerali dwar l-opzjonijiet sabiex jinbidel l-istatus tal-viża. Riferiment għand avukat tal-immigrazzjoni kkwalifikat<br>• Informazzjoni ġenerali dwar Viżi U u T. (Riferiment għand avukat tal-immigrazzjoni kkwalifikat)<br>• Riferiment għand avukat tal-immigrazzjoni kkwalifikat<br>• Residenti permanenti pendenti tal-Istati Uniti (il-karta l-ħadra għadha mhix approvata)<br>• Impatt jekk titlaq mill-impjieg tiegħek fuq l-applikazzjoni pendenti tiegħek għal residenza permanenti sponsorjata mill-impjegatur;<br>• Riferiment għan avukat kkwalifikat |

**X'inhu avukat tal-immigrazzjoni u x'jagħmel?**

SUNY The State University of New York

Avukati tal-immigrazzjoni huma avukati liċenzjati li jispeċjalizzaw fil-qasam tal-liġi tal-immigrazzjoni. Jaħdmu bħala l-avukat tal-klijent, u jistgħu jirrappreżentawhom quddiem aġenziji tal-immigrazzjoni, kemm fil-qorti tal-immigrazzjoni kif ukoll biex jippreżentaw applikazzjonijiet għal benefiċċji tal-immigrazzjoni. L-avukat jista' joffri parir ġenerali u jista' jiddiskuti opzjonijiet tal-immigrazzjoni. Bħall-avukati kollha, l-avukati tal-immigrazzjoni huma marbuta bir-rekwiżiti professjonali etiċi u legali, u jżommu d-diskussjonijiet mal-klijenti kunfidenzjali.

**Fejn nista' nsib avukat tal-immigrazzjoni lokali?**

| |
|---|
| Is-Servizzi taċ-Ċittadinanza u l-Immigrazzjoni tal-Istati Uniti (U.S. Citizenship and Immigration Services - USCIS), uffiċċju fid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna (Department of Homeland Security - DHS), joffru żewġ siti biex jgħinu lill-individwi jsibu rappreżentazzjoni legali bla ħlas jew bi spejjeż baxxi:<br>USCIS: Sib Għajnuna fil-Paġna tal-Web tal-Komunità tiegħek     USCIS: Paġna tal-Web Sib Servizzi Legali |
| Il-Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni (Board of Immigration Appeals - BIA) jipprovdi lista ta' avukati skont l-istat li jipprovdu servizzi tal-immigrazzjoni bla ħlas jew bi spejjeż baxxi. |
| L-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Avukati tal-Immigrazzjoni (American Immigration Lawyers Association - AILA) toffri Servizz online ta' Riferiment ta' Avukat tal-Immigrazzjoni li jista' jgħin lil student jew studjuż isib avukat tal-immigrazzjoni. |
| L-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Avukati (American Bar Association) tagħti wkoll informazzjoni dwar kif issib servizzi legali skont l-istat. |

SUNY The State University of New York